# Iljieli Mediterranji '94



L-edizzjoni ta' l-1994 tal-festival Iljieli Mediterranji tkompli mat-tradizzjoni li diġa' bena dan il-festival, bħala wirja popolari fejn l-aqwa talent Malti f'kull qasam tal-kultura jipprovdi divertiment ta' livell għoli, fl-isfond ta' l-arti tal-Mediterran. Il-festival kiseb dejjem suċċess kritiku mill-aqwa u llum sar parti ewlenija mill-kalendarju kulturali Malti. Din is-sena, bħal fl-isjuf imgħoddija eluf ta' nies mistennija jinġabru bi ħġarhom fil-ġonna ta' l-Argotti, wieħed mill-isbaħ ġonna ta' Malta, li sar parti sħiħa mill-mod kif l-ambjent ferrieħi tas-sajf Malti jagħti xhieda tal-ġmiel naturali u kulturali tal-Mediterran.

# Iljieli Mediterranji

## Dan...din...Jien

**ESPOŻIZZJONI TA' L-ARTI**

*Sala Robert Samut, il-Furjana mit-28 ta' Lulju sat-12 ta' Awissu.*
*9.00 a.m. – 1.00 p.m.; 5.00 p.m. – 8.00 p.m.*
*Koordinazzjoni: George Glanville*

Esebizzjoni ta' pittura u skultura fejn qed jieħdu sehem l-aqwa artisti Maltin. Mistennija tiġbed udjenzi akbar minn dawk li ġibdu l-espożizzjonijiet tas-snin l-imgħoddija.

Kull kwadru u kull statwa huma magħżula bħala eżempji l-aktar rappreżentattivi tax-xogħlijiet ta' l-artisti. Kull biċċa xogħol tagħti xhieda ta' l-aqwa ispirazzjoni artistika ta' min ħoloqha.

## Enzo Gusman

**KUNĊERT LIVE**

*It-Tnejn 1 ta' Awissu fil-Ġonna ta' l-Argotti*

Kunċert kbir Live mill-kantant-awtur-showman Enzo Gusman. Bil-versatilità tiegħu Enzo Gusman mistenni jiġbed udjenza ta' kull età. Okkażjoni unika fejn il-poplu Malti jkun jista' jammira il-kapaċitajiet ta' Enzo fl-interpretazzjoni ta' vetrina ta' suċċessi Maltin u barranin u divertiment kif jaf jagħtina biss Enzo Gusman.

Tieħu sehem il-banda ta' Joe Brown waqt li l-aqwa kantanti Maltin u Għawdxin ikunu mistiedna speċjali ta' Enzo Gusman.

## IL-ĠIFEN TORK

**EPIKA BIŻ-ŻFIN, AZZJONI, SPETTAKLU**

*Il-Ġimgħa 5 u s-Sibt 6 ta' Awissu fil-Ġonna ta' l-Argotti*
*Direzzjoni: Narcy Calamatta; Koreografija: Alison White*

Din l-epika kbira miktuba minn Ġan Anton Vassallo mija u tletin sena ilu terġa' tqum għall-ħajja bl-aħjar ilħna u reċtar ta' żmienna.

Ġan Anton Vassallo kien l-aqwa poeta Romantiku Malti tas-seklu l-ieħor. Kien professur tat-Taljan fl-Università iżda kiteb bosta xogħlijiet letterarji bil-Malti fosthom "Int Sabiħa Malta Tagħna" u l-epika "Il-Ġifen Tork" li għal bosta snin kienet meqjusa bħala l-aqwa poeżija twila bil-Malti.

Il-ġrajja titkellem mill-għemil qalbieni ta' ilsiera Maltin li qamu għassidien Torok tal-ġifen li kienu jaqdfu fuqu u wara li ħatfu l-ġifen ġabuh lura Malta. Huma u deħlin il-port, l-għassiesa ma jintebħux li huma Maltin u jkunu jridu jiftħu n-nar fuqhom għax l-Assedju ta' l-1565 kien għadu sew f'moħħhom.

## MANNARINU !

**OPRA BL-GĦANA**

*Il-Ġimgħa 12 u s-Sibt 13 ta' Awissu fil-Ġonna ta' l-Argotti*
*Kitba u Direzzjoni: Frans Sammut*

Wara s-suċċess kbir ta' l-opra bil-għana tas-sena l-oħra, *Moħroj*, Frans Sammut, ir-rumanzier ewlieni Malti, ħejja kitba, x'aktarx aqwa għal din is-sena, bl-aħjar għannejja ta' żmienna. Mannarinu jmexxi lill-qalbiena sħabu biex jieħdu Sant'Iermu taħt idejhom u jisfidaw is-setgħa tas-Sultan ta' Malta. Kienet ġrajja ta' dmugħ u dmija. Wħud minn dawk li ħadu sehem fir-rewwixta sfaw b'rashom maqtugħa u mdendla fuq is-swar bħala tagħlima għal min seta' jerġa' jitħajjar jeħodha kontra l-qawwa tal-Kavallieri. Oħrajn sfaw eżiljati jew mitfugħin il-ħabs. Mannarinu nnifsu qatta' erbgħa u għoxrin sena f'ċella umda ta` Sant'Iermu. Frans Sammut żar iċ-ċella biex jieħu l-impressjoni personali ta' dak li ġarrab u għadda minnu Mannarinu.

## Il-Profeta

**LEJLA MUŻIKO-LETTERARJA**

*It-Tlieta 16 ta' Awissu fil-Ġonna ta' l-Argotti*
*Produzzjoni u Direzzjoni: Dominic Said*

Hija lejla mużiko-letterarja maħtura lil Khalil Gibran. L-aqwa versi ta' dan il-poeta magħruf se jingħataw rendiment viżivament eċċitanti u għandhom jogħġbu lil kull min iħobb il-poeżija u jrid jaf x'qed jiġi prodott fix-xena artistika internazzjonali, l-aktar minn poeti tar-reġjun tagħna.

## Ali Baba

**MUSICAL**

*Is-Sibt 20, Il-Ħadd 21, It-Tnejn 22 ta' Awissu fil-Ġonna ta' l-Argotti*
*Lirika: Raymond Mahoney; Mużika: Paul Abela*
*Direzzjoni: Lino Farrugia; Koreografija: Annabelle Attard*
*Bil-parteċipazzjoni ta' kantanti ewlenin Maltin: Paul Giordmaina, Ġorġina, Renato, Mark Tonna, Claudette Pace, Andrew Zammit, Mark Doneo, Mario Ellul u Debbie Scerri fost l-oħrajn.*

Waħda mill-aktar ħrejjef popolari mill-"Iljieli Għarbin" dwar żewġ aħwa iltiema. Wieħed minnhom, Kassim, jistagħna bil-kbir u rgħib għall-flus. L-ieħor, Ali, ma jsibx l-istess xorti fil-ħajja u jiftaqar bl-ikraħ sakemm jiltaqa' ma' l-erbgħin ħalliel, immexxija minn Lillah.... Immorru f'dinja tas-seħer fejn jista' jsir kollox, fejn tista' sseħħ kull xewqa, fejn jista' l-bniedem imiss b'idejh kull ħolma li tħennilu qalbu. Dan mistenni jkun l-aqwa musical li ħareġ mid-duo Mahoney–Abela u jagħlaq il-Festival Iljieli Mediterranji bil-kbir bi spettaklu ta' kant, żfin, dwal u kostumi fantastiċi.

# Iljieli Mediterranji '94

## Dan...din...Jien

**ESPOŻIZZJONI TA' L-ARTI**

28 ta' Lulju – 12 ta' Awissu
Sala Robert Samut, Furjana

## Enzo Gusman

**KUNĊERT LIVE**

1 ta' Awissu
Ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana

## IL-ĠIFEN TORK

**EPIKA BIŻ-ŻFIN, AZZJONI, SPETTAKLU**

5, 6 ta' Awissu
Ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana

## MANNARINU!

**OPRA BL-GHANA**

12, 13 ta' Awissu
Ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana

## Il-Profeta

**LEJLA MUŻIKO-LETTERARJA**

16 ta' Awissu
Ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana

## Ali Baba

**MUSICAL**
**Raymond Mahoney/Paul Abela**

20, 21, 22 ta' Awissu
Ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana